


**Paġna ewlenija>Kwistjonijiet tal-familja u wirt>Ir-responsabbiltà tal-ġenituri - Il-kustodja tat-tfal u d-drittijiet ta' kuntatt**

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna  għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

**Kroat**

Swipe to change

**Ir-responsabbiltà tal-ġenituri - il-kustodja tat-tfal u d-drittijiet ta' kuntatt**

il-Kroazja

**1 Xi tfisser il-frażi fil-liġi "responsabbiltà tal-ġenituri" fil-prattika? Liema huma d-drittijiet u d-dmirijiet ta' detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri?**

Responsabbiltà tal-ġenituri tfisser ir-responsabbiltajiet, id-doveri u d-drittijiet tal-ġenituri mfassla biex jiproteġu u jipromwovu d-drittijiet personali u tal-proprjetà tal-minuri, kif ukoll l-aħjar interessi tal-minuri. Il-ġenituri huma meħtieġa jipprovdu kura skont il-ħtiġijiet tal-iżvilupp u l-kapaċitajiet tal-minuri. L-ebda ġenitur mhu permess jirrinunzja d-dritt tiegħu għall-kura tal-ġenituri. Il-ġenituri huma meħtieġa jiddiskutu u jaqblu dwar l-aspetti individwali tal-kura tal-ġenituri mal-minuri skont l-età u l-maturità tagħhom.

Il-kura tal-ġenituri tinkludi d-dritt u d-dover li jiġu protetti d-drittijiet personali tal-minuri għas-saħħa, għall-iżvilupp, għall-kura u l-protezzjoni, għat-trobbija u għall-edukazzjoni, għall-kuntatt, biex jintgħażel post ta' residenza, kif ukoll id-dritt u d-dover li jiġu mmaniġġjati l-assi tal-minuri. Il-kura tal-ġenituri tinkludi wkoll id-dritt u d-dover li jiġu rrappreżentati d-drittijiet personali u tal-proprjetà u l-interessi tal-minuri.

**2 Bħala regola ġenerali, min għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri fuq l-ulied?**

Il-ġenituri għandhom id-dritt u d-dover li jipprovdu kura b'mod indaqs, b'mod konġunt u bi ftehim. Meta l-ġenituri ma jgħix flimkien fuq bażi permanenti, dawn ikunu meħtieġa li jaqblu dwar arranġamenti tal-kura tal-ġenituri billi jfasslu Pjan ta' Kura Kondiviża mill-Ġenituri. Kura kondiviża mill-ġenituri tista' tiġi regolata wkoll minn qorti, billi s-sentenza tal-qorti tkun ibbażata fuq l-arranġamenti tal-ġenituri fir-rigward tal-kwistjonijiet rilevanti kollha fil-Pjan ta' Kura Kondiviża mill-Ġenituri. Meta jipprovdu kura kondiviża, il-ġenituri jridu jipprovaw solvu kwalunkwe kwistjoni bi ftehim.

Wieħed mill-ġenituri jista' jipprovdi kura waħdu sħiħa, parti minnha jew sal-limitu meħtieġ biex tittieħed deċiżjoni dwar kwistjoni importanti partikolari li tikkonċerna lill-minuri. Fis-sitwazzjonijiet ta' hawn fuq, id-dritt tal-ġenitur l-ieħor li jipprovdi kura jista' jiġi ristrett biss minn sentenza tal-qorti, billi jiġu kkunsidrati l-aħjar interessi tal-minuri. Meta l-ġenituri jkunu pprovdew kura qabel il-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, il-ġenitur superstiti jrid jipprovdi kura waħdu mingħajr sentenza tal-qorti jekk il-ġenitur l-ieħor ikun miet jew ġie ddikjarat mejjet. Wieħed mill-ġenituri jista' jipprovdi kustodja waħdu, soġġetta għal sentenza tal-qorti għal dan il-għan, jekk il-ġenituri jkunu naqsu milli jaqblu dwar Pjan ta' Kura Kondiviża mill-Ġenituri jew ftehim alternattiv waqt proċedimenti tal-qorti. F'każ bħal dan, il-qorti tkun meħtieġa tagħti preferenza lill-ġenitur li wera r-rieda li jikkoopera u jilħaq ftehim dwar il-kura kondiviża mill-ġenituri.

**3 Jekk il-ġenituri ma jkunux kapaċi jew ma jridux jeżerċitaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri fuq uliedhom, tista' tinħatar persuna oħra minflokhom?**

Meta ġenitur ikun minorenni jew persuna nieqsa mill-kapaċità legali f'qasam partikolari tal-kura tal-ġenituri, il-kura tiegħu tiġi sospiża minħabba ostakoli legali. Waqt li s-sospensjoni tkun fis-seħħ, il-ġenitur ta' hawn fuq jista' jieħu ħsieb il-minuri fuq bażi ta' kuljum waħdu, flimkien mal-ġenitur l-ieħor tal-minuri, jew flimkien ma' tutor maħtur skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Familja (*Obiteljski zakon*) dwar il-ħatra ta' tutor. Il-ġenitur ta' hawn fuq mhuwiex permess jirrappreżenta lill-minuri u, meta tkun tneħħietu l-kapaċità legali, mhuwiex permess jirrappreżenta lill-minuri fil-qasam li għalih tneħħietu l-kapaċità legali. Il-minuri jiġi rrappreżentat mill-ġenitur jew mit-tutor l-ieħor, billi t-tutor ikun meħtieġ jikkonforma max-xewqat tal-ġenitur l-ieħor.

Meta l-ġenituri tal-minuri, jew wieħed mill-ġenituri jew it-tutor, ma jaqblu dwar rappreżentazzjoni fir-rigward ta' deċiżjonijiet importanti relatati mal-minuri, bi tweġiba għal proposta li tkun saret mill-minuri, wieħed mill-ġenituri, jew it-tutor, il-qorti tagħti sentenza *ex parte* dwar min għandu jirrappreżenta lill-minuri fil-kwistjoni rilevanti.

Bi tweġiba għal proposta li tkun saret mill-minuri, wieħed mill-ġenituri, jew minn ċentru tal-benessri soċjali, il-qorti tagħti sentenza *ex parte* biex tissospendi l-kura mill-ġenituri (sospensjoni tal-kura tal-ġenituri minħabba ostakoli reali) jekk wieħed mill-ġenituri jkun assenti jew joqgħod f'indirizz mhux magħruf, jew jekk wieħed mill-ġenituri jiġi pprevenut, għal raġunijiet oġġettivi, milli jipprovdi kura għal perjodu ta' żmien twil. Il-ġenitur rilevanti mhuwiex permess jipprovdi kura għad-durata tal-perjodu li matulu l-kura tiġi sospiża għar-raġunijiet ta' hawn fuq. Matul perjodu ta' sospensjoni bħal dan, il-kura tiġi pprovduta mill-ġenitur l-ieħor waħdu, jew il-minuri ser jitqiegħed fil-kustodja skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Familja. Bi tweġiba għal proposta li tkun saret mill-minuri, mill-ġenitur li l-kura tiegħu tkun ġiet sospiża, jew minn ċentru tal-benessri tat-tfal, il-qorti tagħti sentenza *ex parte* biex ittemm is-sospensjoni tal-kura mill-ġenituri minħabba ostakoli reali meta ma jibqax ikun hemm raġunijiet li minħabba fihom is-sospensjoni tkun ġiet imposta fuqhom.

Meta l-ġenituri jikkondividu l-kura u wieħed minnhom imut, il-ġenitur superstiti jibqa' jipprovdi l-kura waħdu. Jekk il-ġenitur li jkun qed jipprovdi kura waħdu jmut, bi tweġiba għal proposta li tkun saret mill-minuri, mill-ġenitur superstiti, jew minn ċentru tal-benessri tat-tfal, il-qorti tagħti sentenza *ex parte* biex tafda l-kura lill-ġenitur superstiti, jekk din tqis li dan ikun fl-aħjar interessi tal-minuri. Meta ż-żewġ ġenituri jmutu, ċentru tal-benessri tat-tfal iqiegħed lill-minuri taħt kustodja. Waqt li dan ikun għadu ħaj, il-ġenitur li jkun qiegħed jipprovdi l-kustodja jista', permezz ta' testament jew att notarili (li ssir referenza għalih bħala "anticipirana naredba" ("deċiżjoni/direttiva bil-quddiem") bil-Kroat), jinnomina persuna li tqis bħala li tipprovdi l-aħjar kura lill-minuri f'każ tal-mewt tiegħu. Meta jinħatar tutor għall-minuri f'każ ta' mewt ta' ġenitur, tiġi kkunsidrata l-opinjoni tal-minuri u x-xewqat tal-ġenitur superstiti, sakemm ma jkunx miffum li l-kunsiderazzjoni tal-opinjoni/tax-xewqat tagħhom ma tkunx fl-aħjar interessi tal-minuri.

Skont l-Artikolu 224 tal-Att tal-Familja, minuri għandu jitqiegħed f'kustodja jekk il-ġenituri tiegħu jkunu mietu, għebu, mhuwiex magħrufa, jew ikunu għexu f'indirizz mhux magħruf għal tal-inqas xahar; jekk il-ġenituri tiegħu ġew deprivati mid-dritt għall-kura mill-ġenituri; jekk il-ġenituri tiegħu, deprivati mill-kapaċità legali f'qasam li jipprevinjehom milli jipprovdu kura mill-ġenituri, ikunu naqsu milli jafdaw lill-minuri għand persuna li tissodisfa l-kriterji tat-tutela, jew jekk il-ġenituri tiegħu jkunu taw il-kunsens li l-minuri jiġi adottat. Skont l-Artikolu 225 tal-Att tal-Familja, ċentru tal-benessri tat-tfal għandu jieħu deċiżjoni biex iqiegħed lill-minuri f'kustodja u jaħtar tutor. Ċentru tal-benessri tat-tfal jista' jiqiegħed lill-minuri f'kura ta' kuljum ta' tutor, persuna oħra, familja foster, dar għal tfal abbandunati, jew fil-kura ta' entità legali involuta f'attivitajiet tal-benessri soċjali, sakemm ma jiġix preskritt mod ieħor mill-Att tal-Familja.

Jittieħdu miżuri biex jiproteġu d-drittijiet personali u l-aħjar interessi tal-minuri abbażi ta' valutazzjoni esperta jekk jinstab li d-drittijiet u l-aħjar interessi tal-minuri inkisru, jew li d-drittijiet, l-aħjar interessi u l-iżvilupp tal-minuri tpoġġew f'periklu. Id-drittijiet tal-minuri jitqiesu li tpoġġew f'periklu jekk il-kura tkun inadegwata, jekk il-minuri jesperjenza diffikultajiet psikoloġiċi (kif jidhru mill-imġiba tiegħu, problemi emozzjonali, problemi l-iskola jew problemi oħra fir-rigward tat-trobbija tiegħu), jew jekk huwa probabbli li jinħolqu ċ-ċirkostanzi ta' hawn fuq.

Sabiex jiproteġi d-drittijiet u l-aħjar interessi tal-minuri, ċentru tal-benessri soċjali jista':

1. jieħu miżura ta' emerġenza biex jissepara l-minuri u jipprovdu akkomodazzjoni barra mid-dar tal-familja;

2. joħroġ twissija wara żball jew nuqqas fl-għoti tal-kura mill-ġenituri;
3. jagħmel arranġamenti biex il-ġenituri jirċievu għajjnuna professjonali u appoġġ fir-rigward tal-kura mill-ġenituri; u
4. jagħmel arranġamenti biex il-ġenituri jirċievu appoġġ professjonali intensiv u biex il-kura li jipprovdu tiġi sorveljata.

Sabiex tippoteġi d-drittijiet personali u l-aħjar interessi tal-minuri, qorti tista':

1. temporanjament tqiegħed il-minuri fil-kura ta' persuna oħra, familja foster jew istituzzjoni ta' benessri soċjali;
2. toħroġ digriet ta' trażżin;
3. tneħħi d-dritt mill-ġenituri li jgħixu f'dar kondiviża mal-minuri u tqiegħed lill-minuri fil-kura ta' kuljum ta' persuna oħra, familja foster jew istituzzjoni tal-protezzjoni speċjali;
4. tipprovdi appoġġ għat-trobbija tal-minuri, jekk ikollu problemi tal-imġiba, billi tqiegħdu ma' familja foster jew istituzzjoni ta' benessri soċjali; jew
5. tneħħi d-dritt mill-ġenituri li jipprovdu kura. Bħala miżuri mfassla biex jipproteġu d-drittijiet u l-aħjar interessi tal-minuri, l-Att tal-Familja fih dispożizzjonijiet biex jirregolaw l-għoti ta' akkomodazzjoni temporanja għall-minuri jew it-tqegħid temporanju tal-minuri fil-kura ta' persuna oħra, biex il-ġenituri jitneħħilhom id-dritt li jgħixu f'dar kondiviża mal-minuri, eċċ.

#### **4 Jekk il-ġenituri jiddivorzjaw jew jinfirdu, ir-responsabbiltà tal-ġenituri kif tkun iddeterminata għall-ġejjieni?**

Kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri jistgħu jiġu riżolti billi jinfassal Pjan ta' Kura Kondiviża mill-Ġenituri jew permezz ta' sentenza tal-qorti.

Il-Pjan ta' Kura Kondiviża mill-Ġenituri huwa ftehim bil-miktub bejn il-ġenituri li jistabbilixxi l-modi ta' kif tiġi pprovduta l-kura kondiviża meta l-ġenituri tal-minuri ma jgħixux bħala familja fuq bażi permanenti. Il-Pjan ta' Kustodja Kondiviża jrid jispeċifika li ġej:

1. il-post u l-indirizz fejn joqgħod il-minuri,
2. il-ħin li għandu jqatta' l-minuri ma' kull ġenitur,
3. il-modi ta' skambju ta' informazzjoni dwar il-kunsens meħtieġ meta jsiru deċiżjonijiet importanti għall-minuri u ta' skambju ta' informazzjoni importanti fir-rigward tal-minuri,
4. il-livell ta' obbligu ta' manteniment għall-ġenitur li ma joqgħodx miegħu l-minuri; u
5. il-modi ta' kif ser jiġu riżolti kwistjonijiet futuri. Il-ġenituri jistgħu jfasslu l-Pjan ta' Kura Kondiviża mill-Ġenituri waħidhom jew bħala parti mill-proċess ta' konsulenza obligatorju jew mill-proċess ta' medjazzjoni tal-familja.

Jekk il-ġenituri ma jirnexxilhomx jaqblu fuq il-Pjan ta' Kura Kondiviża mill-Ġenituri jew jekk jiġi rrifjutat mill-qorti, wieħed mill-ġenituri jew il-minuri jista' jagħmel rikors sabiex isolvi kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-ġenitur li jgħix miegħu l-minuri, il-modi ta' kif tiġi pprovduta l-kura mill-ġenituri, il-kuntatt tal-minuri mal-ġenitur l-ieħor, jew il-manteniment tal-minuri. Fil-proċedimenti maħsubin biex jiddeterminaw liema ġenitur se joqgħod miegħu l-minuri, l-għoti tal-kura mill-ġenituri jew il-kuntatt tal-minuri mal-ġenitur l-ieħor, il-qorti ma tkunx marbuta b'xi talba mill-partijiet. Il-qorti tista' tagħti sentenza fuq il-ġenitur li se jgħix il-minuri miegħu, dwar il-modi ta' kif il-minuri se jżomm kuntatt mal-ġenitur l-ieħor, u dwar l-għoti tal-kura mill-ġenituri abbażi ta' ftehim bejn il-ġenituri, jekk tqis li l-ftehim ikun fl-aħjar interessi tal-minuri.

Il-qorti tiddeċiedi *ex officio* biex tiddetermina liema ġenitur se joqgħod miegħu l-minuri, il-modi ta' kif tiġi pprovduta l-kura mill-ġenituri, il-kuntatt tal-minuri mal-ġenitur l-ieħor, u l-manteniment tal-minuri, permezz ta' deċiżjoni li tistabbilixxi t-tkissir definittiv taż-żwieġ jew l-annullament tiegħu jew l-għoti ta' divorzju u f'każijiet oħra meta l-ġenituri ma jgħixux flimkien, jew permezz ta' deċiżjoni f'każ li tkun ġiet ikkontestata l-maternità jew paternità, jekk l-għoti ta' sentenza bħal din ikun possibbli u meħtieġ fir-rigward tal-eżitu tal-proċedimenti legali u l-fatti tal-każ.

#### **5 Jekk il-ġenituri jilhqgħu ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, liema formalitajiet għandhom ikunu rrispettati biex il-ftehim jorbot legalment?**

Sabiex jiġi eżegwit, il-Pjan ta' Kura Kondiviża mill-Ġenituri jista' jiġi ppreżentat lill-qorti bħala parti minn proċedimenti *ex parte*, u dan għandu jippermetti lill-qorti tivverifika l-kontenut tiegħu u tapprova jew tirrifjuta l-Pjan skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Familja. Il-Pjan ta' Kura Kondiviża jista' jiġi emendat skont l-età u l-maturità tal-minuri jew meta l-emendi jiġu approvati minn tibdil sinifikanti fiċ-ċirkostanzi. Jekk jiġi emendat, il-Pjan għandu jiġi ppreżentat lill-qorti bħala parti minn proċedimenti *ex parte*, sabiex jippermettu lill-qorti tivverifika l-kontenut tiegħu, u tapprova jew tirrifjuta l-emendi.

Il-qorti tista' tagħti sentenza dwar liema ġenitur se joqgħod miegħu l-minuri, dwar il-modi ta' kif il-minuri se jżomm kuntatt mal-ġenitur l-ieħor, u dwar l-għoti ta' kura mill-ġenituri abbażi ta' ftehim bejn il-ġenituri, jekk tqis li l-ftehim ikun fl-aħjar interessi tal-minuri. Jekk il-ġenituri jiddeċiedu li jipprovdu kura kondiviża, il-ftehim għandu jirregola l-kwistjonijiet importanti kollha li joħroġu fil-Pjan ta' Kura Kondiviża mill-Ġenituri. Fir-rigward tar-rimedji legali jew tal-emendar tas-sentenza tal-qorti, is-sentenza tal-qorti bbażata fuq il-ftehim tal-ġenitur dwar l-għoti ta' kura kondiviża mill-ġenituri se jkollha l-istess effett legali bħall-Pjan ta' Kura Kondiviża mill-Ġenituri, kif emendat mill-qorti. Mhi meħtieġa li tiġi inkluża l-ebda nota spjegatorja fis-sentenza fir-rigward tal-kura mill-ġenituri jew il-kuntatt tal-minuri mal-ġenitur l-ieħor jekk is-sentenza tiġi bbażata fuq il-ftehim ta' hawn fuq tal-ġenituri dwar l-għoti ta' kura kondiviża mill-ġenituri.

#### **6 Jekk il-ġenituri ma jkunux jistgħu jilhqgħu ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, liema huma l-mezzi alternattivi biex jiġi solvut il-kunflitt mingħajr intervent tal-qorti?**

Jekk il-ġenituri ma jirnexxilhomx jaqblu fuq il-Pjan ta' Kura Kondiviża mill-Ġenituri, ċentru tal-benessri soċjali jgħeġġgħom biex jippruvaw jilhqgħu ftehim bħala parti mill-proċess ta' medjazzjoni tal-familja, sakemm il-każ inkwistjoni ma jiġix soġġett għal rekwiżiti tal-medjazzjoni statutorji. Jekk ġenituri li beħsiebhom iġibu divorzju ma jirnexxilhomx jaqblu dwar il-Pjan ta' Kura Kondiviża mill-Ġenituri, ċentru tal-benessri soċjali jinfurmahom li, bħala parti mill-proċedimenti tad-divorzju li jinbdeu minn azzjoni minn wieħed mill-konjuġi, il-qorti, *ex officio*, se:

1. tagħti sentenza li tiddetermina liema ġenitur se jgħix miegħu l-minuri, arranġamenti tal-kura mill-ġenituri, il-kuntatt tal-minuri mal-ġenitur l-ieħor, u l-manteniment tal-minuri;
2. tippermetti lill-minuri jesprimi l-opinjoni tiegħu taħt l-Att tal-Familja; u
3. taħtar tutur speċjali għall-minuri skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Familja.

#### **7 Jekk il-ġenituri jmorru l-qorti, liema kwistjonijiet jistgħu jiġu deċiżi mill-imħallef fir-rigward tat-tfal?**

Skont l-Artikolu 413 tal-Att tal-Familja, il-qorti tiddeċiedi *ex officio* biex tiddetermina liema ġenitur se jgħix miegħu l-minuri, il-modi ta' kif tiġi pprovduta l-kura mill-ġenituri, il-kuntatt tal-minuri mal-ġenitur l-ieħor, u l-manteniment tal-minuri, permezz ta' deċiżjoni li tistabbilixxi t-tkissir definittiv taż-żwieġ jew l-annullament tiegħu jew l-għoti ta' divorzju u f'każijiet oħra meta l-ġenituri ma jgħixux flimkien, jew permezz ta' deċiżjoni f'każ li tkun ġiet ikkontestata l-maternità jew paternità, jekk l-għoti ta' sentenza bħal din ikun possibbli u meħtieġ fir-rigward tal-eżitu tal-proċedimenti legali u l-fatti tal-każ. Il-qorti tista':

1. tillimita jew tipprobixxi l-kuntatt tal-minuri mal-ġenitur l-ieħor;
  2. tiddeċiedi li l-kuntatt jiġi ssorveljat minn espert;
  3. tiddetermina miżura biex tippoteġi d-drittijiet u l-aħjar interessi tal-minuri kif meħtieġa miċ-ċirkostanzi tal-każ; jew
  4. tiddeċiedi dwar arranġamenti tal-kuntatt mal-mara ta' missieru jew raġel ta' ommu jekk kienu jgħixu jew jieħdu ftehim ta' xolxa ż-żwieġ tagħhom.
- Skont l-Artikolu 417 tal-Att tal-Familja, fil-proċedimenti biex tittejjer deċiżjoni dwar il-kuntatt tal-minuri mal-ġenitur l-ieħor, il-qorti hija meħtieġa li tinforma lill-ġenituri li kuntatt bħal dan huwa ta' importanza speċjali għall-benessri tat-tfal, biex ttejjer lill-ġenituri jilhqgħu ftehim u jipparteċipaw fil-proċess ta' medjazzjoni tal-familja f'każijiet minbarra dawk relatati ma' vjolenza domestika, u, jekk il-ġenituri ma jirnexxilhomx jilhqgħu ftehim, biex tiżgura li l-post fejn il-minuri għandu jżomm kuntatt mal-ġenitur l-ieħor ikun xieraq għall-minuri, billi jiġu kkunsidrati l-limiti ġeografiċi u taż-żmien tal-ġenitur l-ieħor. Is-sentenza tal-qorti għandha tinkludi dettalji relatati mal-modi li bihom, iż-żmien meta, u l-lokalità fejn il-ġenitur l-ieħor jista' jiġbor u jirritorna l-minuri, u, jekk meħtieġ, dettalji dwar l-ispejjeż

tal-kuntatt. Fin-noti spjegatorji tas-sentenza, il-qorti tinkludi twissija bil-miktub b'dettalji tal-konsegwenzi legali ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità mad-dover li jiġi ffaċilitat il-kuntatt tal-minuri mal-ġenitur l-ieħor (inkluż multa, priġunerija jew deċiżjoni li tiġi mmodifikata s-sentenza li tiddetermina liema ġenitur se joqgħod miegħu l-minuri).

Skont l-Artikolu 418 tal-Att tal-Familja, fil-proċedimenti biex jiġi ddeterminat il-kuntatt tal-minuri mal-ġenitur l-ieħor, il-qorti tista' tistipula miżura waħda jew aktar biex tiżgura l-eżekuzzjoni jekk tissuspetta li l-ġenitur li jgħix miegħu l-minuri aktarx ma jikkonformax mas-sentenza tal-kuntatt, speċifikament: 1. taftar persuna biex tgħin bl-infurzar tas-sentenza jew l-arranġamenti li jippermettu lill-minuri biex jikkuntattja lill-ġenitur l-ieħor; u 2. tordna li l-ġenitur li jgħix miegħu l-minuri jiddepożita garanzija ta' h'las. Meta jiġu stipulati miżuri bħal dawn, b'mod partikolari, il-qorti tikkunsidra kif il-ġenitur li jgħix miegħu l-minuri għab ruħu fil-passat.

Skont l-Artikolu 419 tal-Att tal-Familja, fil-proċedimenti biex jiġi ddeterminat il-kuntatt tal-minuri mal-ġenitur l-ieħor, il-qorti tista' tistipula miżura waħda jew aktar biex tiżgura r-ritorn tal-minuri jew biex tipprevjeni milli l-ġenitur tal-kuntatt jaftaf lill-minuri (pereżempju, billi tordna li l-ġenitur tal-kuntatt iħalli l-passaport tiegħu waqt h'in ta' kuntatt għand il-qorti li tkun stipulat il-miżura, billi tordna li l-ġenitur tal-kuntatt jiddepożita garanzija ta' h'las, billi tipprojbixxi kwalunkwe aljenazzjoni ta' jew gravami fuq id-drittijiet tal-proprietà tal-ġenitur tal-kuntatt – li d-dettalji ta' projbizzjoni bħal din jiddaħħlu f'reġistri pubbliċi, billi teħtieġ li l-ġenitur tal-kuntatt jattendi regolarment korp awtorizzat, bħal ċentru tal-benessri soċjali, flimkien mal-minuri u fil-lokalità fejn isir il-kuntatt, billi tiddetermina l-lokalità fejn għandu jsir il-kuntatt, billi tipprojbixxi milli l-minuri jħalli l-pajjiż fejn għandu jsir il-kuntatt, u billi ddaħħal id-dettalji ta' projbizzjoni bħal din f'sistema ta' informazzjoni nazzjonali jew transnazzjonali). Meta tistipula l-miżuri ta' hawn fuq, il-qorti trid, b'mod partikolari, tikkunsidra kif il-ġenitur tal-kuntatt għab ruħu fil-passat.

Skont l-Artikolu 421 tal-Att tal-Familja, mhi meħtieġa li tiġi inkluża l-ebda nota ta' spjegazzjoni fis-sentenza li tiddetermina l-kura mill-ġenituri jew l-arranġamenti tal-kuntatt tal-minuri jekk is-sentenza tiġi bbażata fuq ftehim bejn il-ġenituri, li jintlaħaq skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Familja, jew jekk is-sentenza ngħatat oralment fil-preżenza tal-partijiet kollha u l-partijiet kollha aċċettaw li ma jirrikorrux għal rimedji legali.

### **8 Jekk il-qorti tiddeċiedi li ġenitur wieħed biss għandu jkollu l-kustodja tal-ulied, dan ikun ifisser li huwa jew hija jistgħu jiddeċiedu dwar l-affarijiet kollha li jirrigwardjaw it-tfal mingħajr ma qabel jikkonsultaw lill-ġenitur l-ieħor?**

Skont l-Artikolu 99 tal-Att tal-Familja, wieħed mill-ġenituri għandu jirrappreżenta lill-minuri waħdu fl-oqsma tal-kura mill-ġenituri li l-ġenitur l-ieħor ġie limitat fihom taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Familja jew b'sentenza tal-qorti.

L-Artikolu 105 tal-Att tal-Familja jiddikjara li wieħed mill-ġenituri jista' jipprovdi kura mill-ġenituri waħdu sħiħa, parti minnha jew sal-limitu meħtieġ biex tittieħed deċiżjoni dwar kwistjoni importanti partikolari li tikkonċerna lill-minuri. Fis-sitwazzjonijiet ta' hawn fuq, id-dritt tal-ġenitur l-ieħor li jipprovdi kura jista' jiġi ristrett biss minn sentenza tal-qorti, billi jiġu kkunsidrati l-aħjar interessi tal-minuri. Meta l-ġenituri jkun pprovdew kura kondiwiża qabel il-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, il-ġenitur superstiti jrid jipprovdi kura waħdu mingħajr sentenza tal-qorti jekk il-ġenitur l-ieħor ikun miet jew ġie ddkjarat mejjet. Meta tiddeċiedi dwar kura unika mill-ġenituri, il-qorti tiddeċiedi jekk il-ġenitur li jingħata l-kustodja għandux jirrappreżenta lill-minuri fi kwistjonijiet relatati mad-drittijiet personali essenzjali tal-minuri waħdu jew għandux jagħmel dan suġġett għall-kunsens tal-ġenitur l-ieħor, kif speċifikat mill-Artikolu 100 tal-Att tal-Familja (ir-rappreżentazzjoni tal-minuri fi kwistjonijiet relatati mad-drittijiet personali tiegħu f'fisser rappreżentazzjoni f'każ ta' xi bidla fl-isem jew fl-indirizz tad-dar permanenti jew temporanju tal-minuri, jew il-libertà tiegħu li jagħżel jew jibdel l-affiljazzjoni reliġjuża tiegħu).

Skont l-Artikolu 110 tal-Att tal-Familja, irrispettivament minn jekk il-kura tkun unika jew kondiwiża, il-ġenituri huma intitolati li jagħmlu deċiżjonijiet ta' kuljum li jikkonċernaw lill-minuri waħidhom meta l-minuri jkun qiegħed joqgħod ma' wieħed minnhom. F'emerġenzi, jiġifieri meta jkun hemm theddida immedjata għall-minuri, wieħed mill-ġenituri huwa intitolat li jiddeċiedi li jieħu kwalunkwe azzjoni meħtieġa fid-dawl tal-aħjar interessi tal-minuri mingħajr ma jfittex il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor. Huwa għandu jinforma lill-ġenitur l-ieħor dwar dan malajr kemm jista' jkun.

Irrispettivament minn jekk il-kura mill-ġenituri tkun unika jew kondiwiża, il-ġenituri huma meħtieġa li jiskambjaw informazzjoni dwar is-saħħa tal-minuri, il-konsistenza tat-trobbija tiegħu, kif ukoll informazzjoni dwar l-attivitajiet kurrikulari u extrakurrikulari tal-minuri. Kwalunkwe skambju ta' informazzjoni bħal dan irid ikun malajr, trasparenti u jiffoka biss fuq il-minuri.

L-ebda ġenitur ma jista' juża d-dover tiegħu li jikkoopera b'mod ħażin biex jikkontrolla lill-ġenitur l-ieħor.

Minbarra dan ta' hawn fuq, skont l-Artikolu 112 tal-Att tal-Familja, il-ġenitur li ġie limitat f'qasam partikolari tal-kura mill-ġenituri huwa intitolat li jżomm kuntatt mal-minuri, jagħmel deċiżjonijiet ta' kuljum relatati mal-minuri, jieħu azzjoni urġenti f'każ ta' theddida immedjata għall-minuri, u li jirċievi informazzjoni dwar ċirkostanzi importanti fir-rigward tad-drittijiet personali tal-minuri. Dawn id-drittijiet jistgħu jiġu ristretti jew irtirati biss minn sentenza tal-qorti jekk ir-restrizzjoni jew l-irtirar ikun meħtieġ biex jiġu protetti l-aħjar interessi tal-minuri. Il-ġenitur li ma jipprovdi kura mill-ġenituri lill-minuri huwa intitolat li jitlob informazzjoni dwar ċirkostanzi importanti relatati mad-drittijiet personali tal-minuri mill-ġenitur l-ieħor jekk huwa jkollu interess leġittimu li jagħmel dan u sal-limitu li bih tali azzjoni ma tkun f'kunflitt mal-aħjar interessi tal-minuri. F'każ ta' tilwima, fi proċedimenti *ex parte* u bi tweġiba għal proposta li tkun saret mill-minuri jew minn wieħed mill-ġenituri, il-qorti tagħti sentenza li tiżgura l-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri.

### **9 Jekk il-qorti tiddeċiedi li l-ġenituri għandu jkollhom il-kustodja konġunta ta' uliedhom, dan xi f'fisser fil-prattika?**

Skont l-Artikolu 108 tal-Att tal-Familja, meta l-ġenituri jkollhom kustodja konġunta, dawn huma meħtieġa jagħmlu kwalunkwe deċiżjoni importanti relatata mal-minuri u jipprovdu kwalunkwe kunsens bi ftehim. Deċiżjonijiet importanti għall-minuri jirrelataw mar-rappreżentazzjoni tal-minuri fi kwistjonijiet rigward id-drittijiet personali essenzjali tiegħu u r-rappreżentazzjoni fi kwistjonijiet fir-rigward tal-assi ta' valur u d-drittijiet tal-proprietà tal-minuri. Deċiżjonijiet importanti għall-minuri jistgħu wkoll jieħdu l-forma ta' deċiżjonijiet oħra li jistgħu jaffettwaw il-ħajja tal-minuri konsiderevolment, bħal dawk li jikkonċernaw il-kuntatt tal-minuri ma' persuni qrib tiegħu, proċeduri jew kura medika straordinarja, u l-libertà tal-minuri li jagħżel skola. Id-deċiżjonijiet kollha bħal dawn jibqgħu validi diment li l-ġenitur l-ieħor jagħti kunsens għalihom. F'każijiet eċċezzjonali, pereż. proċedura medika urġenti, japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti speċjali li jirregolaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti. L-Artikolu 100 tal-Att tal-Familja fih dispożizzjonijiet dwar ir-rappreżentazzjoni tal-minuri fi kwistjonijiet relatati mad-drittijiet personali essenzjali tiegħu (f'każ ta' xi bidla fl-isem jew l-indirizz tad-dar permanenti jew temporanju tal-minuri, jew il-libertà tiegħu li jagħżel jew jibdel l-affiljazzjoni reliġjuża tiegħu). Ir-rappreżentazzjoni fi kwistjonijiet relatati mad-drittijiet personali essenzjali tal-minuri titqies bħala valida jekk il-ġenitur li jirrappreżenta lill-minuri jkun kiseb kunsens bil-miktub mill-ġenitur l-ieħor intitolat li jirrappreżenta lill-minuri. F'każijiet preskritti mil-liġi mhu meħtieġ l-ebda kunsens bħal dan jekk il-ġenitur li jgħix miegħu l-minuri jkun kiseb il-kunsens ta' ċentru tal-benessri soċjali. Jekk il-ġenitur li jirrappreżenta lill-minuri ma jstax jikseb kunsens bil-miktub, fi proċedimenti *ex parte* u bi tweġiba għal proposta li tkun saret mill-minuri jew wieħed mill-ġenituri, il-qorti tiddeċiedi liema ġenitur jirrappreżenta lill-minuri fil-kwistjoni msemmija biex jiġu protetti l-aħjar interessi tiegħu.

L-Artikolu 101 tal-Att tal-Familja fih dispożizzjonijiet dwar rappreżentazzjoni fi kwistjonijiet relatati mal-assi ta' valur tal-minuri jew id-drittijiet tal-proprietà tiegħu.

Skont l-Artikolu 109 tal-Att tal-Familja, meta l-ġenituri intitolati li jirrappreżentaw lill-minuri ma jirnexxihomx jaqblu fuq deċiżjonijiet importanti għall-minuri, fi proċedimenti *ex parte* u bi tweġiba għal proposta li tkun saret mill-minuri jew minn wieħed mill-ġenituri, il-qorti tiddeċiedi liema ġenitur jirrappreżenta lill-minuri fil-kwistjoni msemmija. Jekk id-deċiżjonijiet importanti jkun relatati mad-drittijiet personali tal-minuri, il-ġenituri huma meħtieġa li jipparteċipaw fil-proċess ta' konsulenza obbligatorju qabel ma titressaq azzjoni *ex parte*.

### **10 Għand liema qorti jew awtorità għandi nirrikorri jekk inkun irrid nippreżenta rikors dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri? Liema formalitajiet għandhom ikunu rispettati u liema dokumenti għandi nehmeż mar-rikors tiegħi?**

Il-proposti għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti muniċipali li teżerċita ġurisdizzjoni lokali u għandhom jitressqu azzjonijiet quddiemha.

Skont l-Artikolu 34 tal-Att tal-Proċedura Ċivili (*Zakon o parničnom postupku*), il-qorti muniċipali dejjem jiddeċiedu fil-prim istanza fit-tilwim li ġej: dwar jekk iż-żwieġ spiċċax b'mod definittiv, jew jekk iż-żwieġ għandux jiġi annullat u l-konjuġi jingħataw id-divorzju; tilwim relatat mad-determinazzjoni jew tilwim ta' paternità jew maternità; dawk li għandhom jiddeterminaw il-ġenitur li se jgħix miegħu l-minuri; u dawk relatati mal-kura mill-ġenituri, meta tkun għaddejja azzjoni konkurrenti biex tistabbilixxi jekk iż-żwieġ spiċċax b'mod definittiv, biex jiġi annullat iż-żwieġ, jew biex jingħata d-divorzju.

Skont l-Att tal-Familja, trid issir konsulenza obligatorja qabel ma titressaq petizzjoni għal divorzju bejn il-konjuġi li jipprovdu l-kura kondiviża lill-minuri tagħhom jew qabel jinbdew proċedimenti legali oħra relatati mal-kura mill-ġenituri u l-kuntatt. Id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Familja dwar konsulenza obligatorja qabel titressaq petizzjoni għal divorzju bejn il-konjuġi li jipprovdu kura kondiviża lill-minuri tagħhom japplikaw *mutatis mutandis* għal konsulenza obligatorja li titwettaq qabel titressaq azzjoni biex tiddetermina l-kura mill-ġenituri u l-kuntatt tal-minuri mal-ġenitur l-ieħor, meta ż-żwieġ/is-sħubija tal-ġenituri tiegħu tkun spiċċat b'mod definittiv. Il-liġi tistipula każijiet fejn ma jsir l-ebda rikors għal konsulenza obligatorja. Il-proċess ta' konsulenza obligatorja jibda meta parti tagħmel talba għal dan il-għan. It-talba tiġi indirizzata lil ċentru tal-benessri soċjali, bil-miktub jew verbalment (billi ssir dikjarazzjoni li għandha tiddaħnal f'reġistru). Is-servizz ta' konsulenza obligatorja jiġi pprovdut minn tim espert taċ-ċentru tal-benessri soċjali kompetenti għall-post fejn il-minuri jkollu indirizz tad-dar permanenti jew temporanju, jew għal-lokalità fejn il-konjuġi jew is-sħab fil-liġi komuni kellhom l-aħħar indirizz tad-dar kondiviża, sew jekk huwiex permanenti kif ukoll temporanju. Il-konsulenza obligatorja hija proċess li jinvolvi l-parteċipazzjoni personali tal-membri tal-familja (mhu permess l-ebda rappreżentant). Ladarba jintemm il-proċess tal-konsulenza obligatorja, iċ-ċentru tal-benessri soċjali jfhejji rapport, li se jibqa' validu għal sitt xhur mid-data tat-tmiem tal-konsulenza.

L-attenzenza fl-ewwel laqgħa tal-medjazzjoni tal-familja hija meħtieġa qabel ma min iressaq it-talba jkun jista' jippreżenta talba għal divorzju.

Skont it-tip ta' azzjoni li tkun qiegħda titressaq (tilwima taż-żwieġ; tilwima biex tiġi stabbilita jew kkontestata maternità jew paternità; tilwima dwar il-kura mill-ġenituri, tilwima li tikkonċerna kuntatt, azzjoni għal divorzju permezz ta' kunsens reċiproku, jew biex tintalab approvazzjoni għal Pjan ta' Kura Kondiviża mill-Ġenituri), min iressaq it-talba jeħtieġ li, fost dokumenti oħra, jippreżenta r-rapport/l-evidenza ta' parteċipazzjoni fil-konsulenza obligatorja fl-ewwel laqgħa tal-medjazzjoni tal-familja/il-Pjan ta' Kura Kondiviża mill-Ġenituri. Id-dokumenti meħtieġa jiddependu fuq l-azzjoni li tkun qiegħda titressaq.

### **11 Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet? Jista' wieħed jagħmel użu minn proċedura ta' emerġenza?**

Fl-azzjonijiet kollha li jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mal-minuri tal-liġi tal-familja, il-korpi kompetenti jridu jieħdu azzjoni urġenti filwaqt li fl-istess ħin jiproteġu l-aħjar interessi tal-minuri.

### **12 Nista' nikseb għajjuna legali biex inkopri l-ispejjeż tal-proċedura?**

Iva. Għajjuna legali bla flus hija regolata mill-Att tal-Għajjuna Legali Bla Flus (*Zakon o besplatnoj pravnoj pomoći*) (*Narodne novine* (NN; Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja) Nru 143/2013).

### **13 Ikun possibbli li jsir appell kontra deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri?**

Iva. Il-partijiet jistgħu jressqu appell kontra sentenza tal-prim istanza fi żmien ħmistax-il jum mid-data tal-għoti ta' kopja tas-sentenza, sakemm ma jkunx ġie pprovdut limitu ta' żmien differenti mill-Att tal-Proċedura Ċivili. Sakemm ma jiġix preskritt mod ieħor mil-liġi, l-appelli jistgħu jitressqu kontra sentenza tal-prim istanza li tirriżulta minn azzjonijiet *ex parte* speċjali regolati mill-Att tal-Familja. L-appelli għandhom jitressqu fi żmien ħmistax-il jum mid-data tal-għoti tas-sentenza.

### **14 F'ċerti każijiet, jista' jkun meħtieġ li wieħed japplika lill-qorti jew lil awtorità oħra għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Liema proċedura tapplika f'każ bħal dan?**

Il-qorti li għandha tiġi kkuntattjata hija l-qorti muniċipali li teżerċita ġurisdizzjoni lokali. Kwalunkwe proċedura ta' infurzar titwettaq skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Eżekuzzjoni (*Ovršni zakon*), iżda l-Att tal-Familja fiha dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward ta' eżekuzzjoni maħsuba biex tiżgura li jingħata l-minuri u fir-rigward ta' eżekuzzjoni maħsuba biex tiżgura li jkun jista' jinżamm kuntatt mal-minuri (l-Artikoli 509-525 tal-Att tal-Familja).

### **15 X'għandi nagħmel biex deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor tiġi rikonossuta u infurzata f'dan l-Istat Membru?**

Jeħtieġ li tressaq azzjoni għal sentenza mogħtija minn qorti barranija biex tiġi rikonossuta skont l-Att dwar ir-Riżoluzzjoni ta' Kunflitti bejn il-Liġijiet Kroati u r-Regolamenti ta' Pajjiżi Oħra relatati ma' Ċerti Relazzjonijiet (*Zakon o rješavanju sukoba zakona s propisima drugih zemalja u određenim odnosima*) (NN Nru 53/91, 8/01).

Mill-1 ta' Lulju 2013, il-Kroazja ilha timplimenta r-Regolament tal-Kunsill Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000. Il-Kapitolu III tar-Regolament imsemmi japplika *mutatis mutandis* għar-rikonossiment u l-validazzjoni tal-eżegwibilità tas-sentenza fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri.

Talba għal rikonossiment jew nuqqas ta' rikonossiment, talba għall-validazzjoni tal-eżegwibilità, u proposta għal eżekuzzjoni għandhom jitressqu quddiem il-qorti muniċipali li teżerċita ġurisdizzjoni lokali.

Il-proposti għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti muniċipali li teżerċita ġurisdizzjoni lokali u għandhom jitressqu azzjonijiet quddiemha.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, japplikaw għal proċeduri għar-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija minn qorti barranija.

### **16 F'liema qorti f'dan l-Istat Membru għandi nirrikorri biex nopponi r-rikonossiment ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor? Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet?**

L-appelli għandhom jitressqu quddiem qorti muniċipali. Qorti tal-kontea tiddeċiedi l-appell.

Il-proċedimenti tal-appell huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, u għad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Proċedura Ċivili.

### **17 Liema liġi għandha tiġi applikata mill-qorti fi proċediment dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri meta t-fal jew il-partijiet ma jkunux jgħixu f'dan l-Istat Membru jew ikunu ta' nazzjonalitajiet differenti?**

Skont l-Artikolu 40 tal-Att dwar ir-Riżoluzzjoni ta' Kunflitti bejn il-Liġijiet Kroati u r-Regolamenti ta' Pajjiżi Oħra relatati ma' Ċerti Relazzjonijiet, il-liġi applikabbli għar-relazzjonijiet bejn il-ġenitur u l-minuri hija l-liġi tal-pajjiż li l-ġenituri u l-minuri huma ċittadini tiegħu. Jekk il-ġenituri u l-minuri jkunu ċittadini ta' pajjiżi differenti, il-liġi li tapplika hija dik tal-pajjiż li kollha għandhom indirizz tad-dar permanenti fih. Jekk il-ġenituri u l-minuri jkunu ċittadini ta' pajjiżi differenti, u jekk m'għandhomx indirizz tad-dar permanenti fl-istess pajjiż, tapplika l-liġi Kroata jekk il-minuri jew wieħed mill-ġenituri jkun ċittadin Kroat. Ir-relazzjonijiet bejn il-ġenitur u l-minuri li mhumiex koperti mid-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq huma soġġetti għal-liġi tal-pajjiż li l-minuri huwa ċittadin tiegħu.

Mill-1 ta' Jannar 2010, il-Kroazja ilha timplimenta l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, rikonossiment, eżekuzzjoni u kooperazzjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri u miżuri għall-protezzjoni tat-tfal.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għal:

L-Att tal-Familja (NN Nru 103/15 u 98/19)

L-Att tal-Eżekuzzjoni (NN Nri 112/12, 25/13, 93/14)

L-Att dwar ir-Riżoluzzjoni ta' Kunflitti bejn il-Liġijiet Kroati u r-Regolamenti ta' Pajjiżi Oħra relatati ma' Ċerti Relazzjonijiet (NN Nri 53/91, 88/01)

L-Att dwar Għajnuna Legali Bla Ffias (NN Nru 143/2013)

L-Att dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (NN Nru 127/2013)

Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu [l-feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



Your  
Europe

This webpage is part of an EU quality network

L-aħħar aġġornament: 15/04/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.